**Fil-Qorti Tal-Magistarti (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Mag Simone Grech LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Leeroy BalzanEngerer)**

**vs**

**Kersten Camilleri**

**Illum, 10 ta' Awwissu 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Kersten Camilleri, ta' 30 sena, iben Carmelo u Teresa neè Agius, imwieled Pieta' Malta nhar il-01/08/1989, residenti 47, Triq it-Tramuntana, Valletta, u detentur tal-karta tal-identità 0353289M; li gie akkuzat talli:

"*...nhar it-tmienja (08) ta' Awwissu 2019 u fix-xhur ta' qabel f'ħinijiet diversi, ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda (Art. 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta):-*

1. *Bil-ħsieb li jestorċa flus jew xi ħaġa oħra, jew li jagħmel xi qliegħ, jew bil-ħsieb li iġiegħel persuna oħra tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, hedded li jagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jagħti malafama lill-Omissis u dan bi ksur tal-Artiklu 250 (1) (2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Uża vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġiegħel lil Omissis, iħalli jsir, jew jonqos milli jgħamel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet tal-persuna jew jiżola tali persuna jew jillimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg u dan bi ksur tal-Artiklu 251 (1) (2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Ikkawża lil Omissis biża li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu u dan bi ksur tal-Artiklu 251 (3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *Ġab ruħu b'mod li ta' fastidju lil Omissis u dan bi ksur tal-Artiklu 251A (1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5. *Għamel lil Omissis inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kodiċi Kriminali (Kapitlu 9), jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339 (1) (e) Kap. 9 ta' Liġijiet ta' Malta;*

6. *Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat jew bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra jew biex jagħmel xi gwadan, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil Omissis jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jew hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra tiegħu, jew biex jimmalfamah, jew xi persuni oħra jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-Artiklu 49(a)(b)(c) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Din il-Qorti giet ġentilment mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużat sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Omissis, jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġiba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, u dan ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti giet mitluba ukoll li f'każ ta' ħtija, ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta."*

Rat id-dokumenti ezebiti mill-Ufficjal Prosekutur;

Semghet ammissjoni da parti ta' l-akkuzat liema ammissjoni regghet giet ikkonfermata minnu wara li nghata zmien ragonevoli biex jirrikonsidra tali ammissjoni u wara li gie spjegat lilu l-pieni li jgibu maghhom l-imputazzjonijiet imressqa kontra tieghu.

**Decide**

Il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 31, 250(1) u (2), 251(1) u (2), 251(3), 251A(1) 339(1)( e), 412C u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 49(a), (b) u ( c) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lil Kersten Camilleri hati ta' l-imputazzjonijiet kollha mressqa kontra tieghu u qeghda tordna li, ai termini ta' Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal tliet (3) snin mil-lum. Rigward is-sitt imputazzjoni, tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt Ewro pagabbli f' rati mensili ta' hamsin Ewro (EUR 50).

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l- Qorti fissret lill-imputat bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation moghtija b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat.

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-imputat u x'jigri f'kaz li jonqos li josservha u l-imputat iddikjara li fehem ben tajjeb.

Il-Qorti tordna lil imputat ihallas minnufih lil vittma Omissis s-somma ta' hamest elf [5000] Ewro ai termini tal-artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta rappresentanti somma ghal offiza u hsara li l-vittma sofra rizultat ta' dan r-reat, liema somma ghandha tithallas fi zmien hames snin mil-lum.

Il-Qorti tordna wkoll li tinhareg ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sens li qed tinibixxi lil imputat ghal perjodu ta' tlett [3] snin mill-lum li ma jimmolestax jew javvicina lil vittma u dana ai termini tad-digriet ta' l-ordni ta' protezzjoni li qed jigi anness ma' din is-sentenza u li ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

**Magistrat Simone Grech**